2026/2206

30.9.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2026/2206

tad-29 ta' Settembru 2026

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2026/768 (EUNAVFOR MED IRINI/4/2026)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 tal-31 ta' Marzu 2020 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Marzu 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, li stabbiliet u nediet l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI).

(2) Skont l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR MED IRINI (il-"Kmandant tal-Forza tal-UE").

(3) Fl-24 ta' Marzu 2026, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2026/768 ([2]), li ħatret lill-Viċi Ammirall Andrea BIELLI bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE mill-1 ta' April 2026.

(4) Fil-25 ta' Awwissu 2026, l-awtoritajiet militari Elleniċi pproponew il-ħatratal-Komodor Stavros POLYDOROU biex jieħu post il-Viċi Ammirall Andrea BIELLI bħala Kmandant tal-Forza tal-UE (il-"ħatra proposta").

(5) Fis-26 ta' Awwissu 2026, il-Kmandant tal-Operazzjoni għall-UE ta' EUNAVFOR MED IRINI appoġġa l-ħatra proposta.

(6) Fit-28 ta' Awwissu 2026, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta u qabel li l-Komodor Stavros POLYDOROU jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.

(7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Komodor Stavros POLYDOROU bħala Kmandant tal-Forza tal-UE mill-1 ta' Ottubru 2026.

(8) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2026/768 titħassar,

([1]) ĠU L 101, 1.4.2020, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2020/472/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2026/768 tal-24 ta' Marzu 2026 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2012 (EUNAVFOR MED IRINI/2/2026) (ĠU L, 2026/768, 30.3.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/768/oj).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Komodor Stavros POLYDOROU huwa maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) mill-1 ta' Ottubru 2026.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/768 hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2026.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2026.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

L. MANDEL VENSILD